MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 425/2010

**Public Broadcasting Services Limited**
**C-13140**

**vs**

**S&GA International Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta hi debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf hames mija u tlett Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,503.42), rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha.

Illi ghalkemm dik is-socjeta’ konvenut giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta’ attrici titlob lil dan it-tribunal sabiex joghgbu jikkundana lis-

socjeta' konvenuta thallas lilha l-ammont ta' elf hames mija u tlett Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,503.42), rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura flimkien ma' dawk ta' ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru, 2009, u bl-interessi skond il-Ligi mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitamenta notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf hames mija u tlett Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,503.42), rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha, bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------